MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2005

Numru. 439/2005

**Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**
**vs**
**Joseph Fonk**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotti kontra Joseph Fonk ta' 54 sena iben Lawrence u Teresa nee Bonello mwieled Paola nhar id-29 ta' Ottubru 1950, detendur tal-karta ta' l-identita bin-numru 916750M u residenti gewwa Eagle Flats No 6 Reid Street Gzira.**

**Akkuzat talli bejn Maru 2005 u April 2005 gewwa Ta' Sliema u gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda:**

**1. Nhar il-Hamis 21 ta' April 2005 ghall-habta ta' 13:30 ta' wara nofsinhar, seraq minn gewwa SISA Supermarket Triq Amery Sliema ghad-dannu tas-sidien ta' l-istess hanut liema serq ma jaqbizx il-LM100 (mitt lira Maltin).**
**2. U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta' qabel, xjentement xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt lira Maltin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibiegh hom jew imexxiehom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**3. U fl-ahhar nett talli sar ricediv b'sentenza tal-Qorti Kriminali, datata 24 ta' Mejju 1989, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 17 ta' Mejju 2005, biex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Ir-rispoosta ta' l-imputat li ma kellux oggezzjoni li l-proceduri jkunu sommarji ghal liema risposta nghata zmien biex jahsibha.**

**Rat il-verbali kollha u l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputatazzjoni maghmula.**

**Rat li l-imputat kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li nghata zmien biex jahsibha.**

**Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli prosekutur u l-abbli difensur.**

**Il-punt ewlieni li hareg waqt it-trattazzjoni kien li l-imputat seraq oggetti ta' l-ikel u l-Qorti ntalbet tqis dan il-fatt. Il-prosekuzzjoni ssottomettiet li l-imputat ghandu beneficcju socjali li jghinu biex ikollu x'jiekol u li ghal hekk ma hemmx skuza biex jirrikorri ghas-serq mill-hwienet.**

**Semghet ukoll li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel wahda.**

**Jirrizulta wkoll li l-imputat halla l-Facilita Korrettiva ta' Kordin fit-22 ta' April 2004. Meta wiehed jikkonsidra li r-reat sehh bejn Marzu 2005 u April 2005, allura l-ghaxar snin minn meta temmet il-piena (Ara artikolu 50 tal-Kap 9) kienu lehqu ghaddew. Ghaldaqstant l-akkuza dwar ir-ricediva ma tibqax tregi minhabba li ghadda z-zmien preskritt mil-ligi.**

**Galadarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet maghmula kontra tieghu, l-ewwel akkuza kienet ppruvata skond il-ligi. Bhalma ntqal iktar 'l fuq, it-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni waqt li t-tielet wahda (dik dwar ir-ricediva) ma tregix.**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 49, 50, 284 u 285 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni u t-tielet imputazzjoni.**

**Dwar il-piena, il-Qorti kkunsidrat l-artikoli 284 u 285 li jistabbilixxu piena minn xahar sa sitt xhur prigunerija u l-artikolu 31 (xiii) u (xii) li minhabba l-artikolu tmintax jwasslu ghall-piena minn xahrejn sa disa' xhur prigunerija.**

**Il-Qorti kkunsidrat (a) il-fedina penali ta' l-imputat li fiha hemm sejbien ta' htija serja hafna (b) kif ukoll l-ammissjoni bikrija tieghu li ghandha ggib nuqqas fil-piena (ara Repubblika vers Nicholas Azzopardi). Il-Qorti wkoll kkunsidrat id-dhul baxx ta' l-imputat izda dan bl-ebda mod ma jiggustifika li wiehed jisraq mill-hwienet biex jghix.**

**Wara li l-Qorti qieset kollox, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal xahar u nofs prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------